MINUTI

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 26**

IT-TLIETA 28 TA' SETTEMBRU 2010 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 25 ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

ii Il-minuti tal-Aġġornament tas-Seduta 25 ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Viċi Sindku A. Farrugia ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

iii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M. Pisani.

## II PUNTI MILL- MINUTI

i Is-Sindku rreferiet għat-twaħħil tal-photovoltaic panels fuq il-Blokk E1. Hija qalet li saret laqgħa man-Nutar M. Burlo' dwar il-kuntratt li se jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u s-sidien tal-appartamenti. Hija qalet li biex dan isir hemm bżonn li tinġabar kopja tal-kuntratti kollha li s-sidien għamlu ma' l-Awtorita' tad-Djar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Awtorita' tad-Djar għadhom ma ħarġux il-permess biex jitwaħħlu l-photovoltaic panels fuq it-turretta tal-imsemmi blokk. Is-Sindku nfurmat li kien hemm qbil bejn il-partijiet kollha li minflok fuq it-turretta dan jitwaħħal fuq base li titpoġġa fuq ix-shaft. Hija qalet li din se tammonta għal spiża addizjonali ta' Euro1628 u tablet li l-Kunsill japprova dan l-apparat. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li hu m'għandu l-ebda oġġezzjoni dwar dan dment li ma tkun qed tinkiser il-Liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi se tikteb lid-Dipartiment dwar dan.

ii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li l-bins mhux qed jiġu msakkra. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi kellmet kemm lil Contract Manager kif ukoll lil Kuntrattur dwar dan. Is-Sindku qalet li l-bins tal-Gzira fihom katnazz u Katina. Hija ħadet l-inkarigu li tara hux possibbli li l-ħaddiema jagħmlu xi haġa simili.

Antoinette Vassallo — Marisa Pisani
Sindku — Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (jkompli…)

iii Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal laqgħa li kellha ssir bejn il-Kunsillier A. Cachia Castelletti u l-GreenMT. Hija nfurmat li kitbet diversi reminders u anke kellmet personali lil Marcella Aguis, pero' s'issa għadu ma ngħata l-ebda appuntament. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li tinkiteb ittra personali lis-Sur Vince Farrugia tal-GRTU peress li hu kien firmatarju fil-Kuntratt li sar bejn il-partijiet.

iv Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrapporta li hemm possibilta' li l-Kuntrattur li bħalissa qed jiġbor l-iskart mhux qed jiddisponi minnu kif suppost. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tindaga mal-GreenMT u l-Wasteserv dwar klawsola li tirrigwardja din il-materja li għandha titniżżel fid-dokument tat-tender qabel ma terġa' ssir sejħa għall-offerti.

v Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għar-riżoluzzjoni tal-Kunsill biex isiru pelican lights fi Triq A. Rigord (in-naħa ta' l-Imsida). Hija nfurmat li l-Kunsillier F. Roe ħa l-inkarigu li jagħmel is-survey mitlub mit-Trasport Malta u dan intbgħat fil-jiem li għaddew.

vi Il-Kunsill iddiskuta x-xogħlijiet ta' manutenzjoni li jridu jsiru fuq ir-railing li hemm fil-Marina. Il-Kunsillier E. Muscat qal li l-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għamel sejħa għall-offerti għal dawn ix-xogħlijiet u dawn se jibdew fil-bidu tas-sena d-dieħla.

**vii** **Dwar il-load**ing/unloading bay fi Triq Abate Rigord is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li nkitbet ittra ta' oġġezzjoni lit-Transport Malta u anke ntbgħatu ritratti tal-ħwienet li hemm f'din iż-żona.

viii Il-Kunsill iddiskuta l-kummenti li saru mir-residenti li attendew għal laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-one way system. Is-Sindku ppreżentat pjanta emendata. Din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (jkompli…)

ix Is-Sindku rreferiet għall-proġett tar-roundabout u nfurmat li l-pompa se titwaħħal dalwaqt u wara jiġi nstallat id-dawl. Hija qalet li dan ġie ordnat minn barra w għalhekk se jieħu ftit taż-żmien biex jasal. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li fil-jiem li ġejjien se ssir laqgħa ma l-ELC dwar il-landscaping. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Perit għadu ma lestiex ir-rapport dwar id-dislivelli li nsstabu fit-triq u l-ispiża addizzjonali li dawn se jinvolvu.

x Il-Kunsill ġie nfurmat li r-Royal Malta Yacht Club għadhom m'għamlux il-pagament dovut tal-containers li kienu tpoġġew fix-Xatt. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li tinkiteb ittra mill-Avukat.

xi Is-Sindku qrat id-dokument (draft) tal-protest ġudizzjarju li tħejja mill-Avukat R. Fenech Adami dwar il-konfini. Hija qalet li l-Avukat ma setgħax jinkludi l-Ġnien mat-toroq peress li dan ingħata lil Kunsill tal-Gzira b'riżoluzzjoni tal-Parlament. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti oġġezzjona għal protest u qal li l- Ġnien jerġa jitqiegħed fil-konfini ta' Ta' Xbiex. Huwa ħa l-inkarigu li jibgħat nota dwar dan lis-Segretarju Eżekuttiv biex din il-materja terġa' tiġi diskussa ma' l-Avukat.

xii Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet it-talba tal-kuntrattur tal-Blue Harbour biex jiġi nstallat tower crane fi Triq l-Imradd c/w Triq Abate Rigord. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan. Ġie deċiż ukoll li tinkiteb ittra lit-Transport Malta dwar dan biex tiġi mħarsa s-sigurta' tal-pubbliku waqt ix-xogħlijiet. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-kont pendenti li hemm ma dan l-Iżviluppatur u ġie deċiż li tinkiteb ittra mill-Avukat dwar din il-materja.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## II PUNTI MILL- MINUTI (jkompli...)

xiii Is-Sindku rrappurtat dwar il-laqgħa li kellha mas-Sur Anton Camilleri, l-iżviluppatur tal-binja li saret fi Triq Abate Rigord. Hija qalet li nbdew ix-xogħlijiet fuq l-ewwel parti tal-bankina u saru anke l-konok. Il-Kunsillier F. Roe qal li meta saru x-xogħlijiet missa saret ukoll il-platform għal bus shelter kif ukoll pipe biex minnu jgħaddi l-wire tad-dawl biex jinxtgħel l-istess shelter. Huwa talab ukoll li jiġi estiż it-tul tal-iskema ta' ipparkjar għar-residenti f'din iż-żona peress li n-numru ta' ħaddiema se jiżdied sostanzjalment. Ġie diskuss ukoll il-possibbilta' li l-istess kuntrattur jagħmel il-manutenzjoni tal-konok tas-siġar l-oħra f'din it-Triq u l-ispiża titnaqqas mill-ammont dovut lil Kunsill. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li titkellem mal-Kuntrattur dwar dan.

xiv Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat kwotazzjonijiet għal-xogħlijiet ta' bozoz. Il-Kunsill iddeċieda li l-bozza ta' mal-Blk D5 tiġi shifted. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bozza fi Triq A. Craig ġiet mibdula f'waħda iktar qawwija u għalhekk m'hemmx bżonn ta' bozza ġdida. Il-Kunsill iddiskuta wkoll iċ-ċaqlieq tal-bozza fi Triq E. Galizia. Peress li din il-bozza diġa' kienet imwaħħla fl-istess post qabel ġie deċiż li nistaqsu lil kuntrattur x'sar mill-bracket li kien hemm qabel biex fil-każ terġa' tintuża. Il-Kunsillier F. Roe qal li hemm bżonn ta' iktar dawl fi Triq il-Maskli. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tagħmel site inspection mal-Kunsillieri responsabbli.

xv Il-Kunsill talab li s-siġar tax-Xatt jiġu miżbura kif ukoll li jiġu miżrugħa is-siġar taċ-ċitru li hemm nieqsa fi Triq il-Prinċipessa Margerita. Ġie rrappurtat ukoll li s-siġra mal-ħajt tar-Rampa reġgħet kibret u hemm bżonn li din tinqata'. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tagħmel laqgħa mal-ELC dwar dan.

**Il-Laqgħa spiċċat fis-8.00pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 12 ta' Ottubru 2010 fil-5.00p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv